**Felix Debrincat**

L-Appostlu Missierna San Pawl jistqarr "Mela sewwa jekk tieklu, sewwa jekk tixorbu, sewwa jekk tagħmlu xi ħaġa oħra, agħmlu kollox għall-glorja t'Alla…" Felix Debrincat jew magħruf iżjed mill-Munxarin bħala "Feliċ is-sagristan" għaraf il-kliem ta' San Pawl u għaraf joffri 70sena minn ħajtu għal Alla bħala sagristan fil-Parroċċa tal-Munxar.

Twieled fil-15 t'Ottubru, 1926, iben Ġamri u Ġuzeppa Debrincat. Missier li wera lil ibnu kif jista' jgħix f'ħajja mimlija grazzja billi hu li kien sagristan kien jieħu lil ibnu ta' 7snin il-knisja biex jgħin fix-xogħol tal-knisja. Feliċ, kien l-uniku abbati fi żmien Monsinjur Dun Spir Gauci. Bl-għors ta' tifel ċkejken kien ikun minn ta' quddiem li jmur fl-inħawi Taċ-Cawla biex jinkitbu fil-lotterija u jinġabru xi ftit flus għall-parroċċa. Meta kellu 25 sena, l-imħabba lejn Alla kienet tant kbira li għaraf jimxi fuq il-passi ta' missieru li issa kien daħal sewwa fl-eta' u ħa postu bħala sagristan tal-parroċċa.

Minn dakinhar 'il quddiem il-ħajja ta' Feliċ inbidlet f'qawmien kmieni fl-4.00 ta' filgħodu sajf u xitwa, biex idoqq il-Pater Noster sa tard bil-lejl anke' sa nofs –il lejl fi ġranet ta' festi. Xogħol Feliċ fil-knisja kien u għadu mifrux sewwa. Barra mid-daqq tal-qniepen għall-quddies u fil-festi, hu jieħu ħsieb il-ġbir tal-flus tal-quddies, l-offerti, il-messal għall-quddies u l-ilbies tal-qassisin għall-quddies. Illum il-ġurnata Feliċ huwa raġel imdaħħal fiż-żmien pero' m'hemmx għalfejn immorru lura fiż-żmien li konna naraw lil Feliċ jaqta' ż-żebbuġ u l-Palm mill-wied għal Ħadd –il Palm, jiġbor l-ostji m'għand is-sorijiet Franġiskani u jaħseb għall-inbid tal-quddies. Fi żmien il-festi postu kien il-knisja sa tard bil-lejl – jixxabbat mas-slielem biex jarma d-damask, inaddaf it-trabijiet tal-knisja u jarma s-sepulku fi żmien il-Milied u l-Għid.

Feliċ kellu impenn ta' familja u għaraf jibni familja b'dedikazzjoni lejn Alla u l-kbir Appostlu San Pawl billi kemm il-mara kif ukoll uliedu kienu u għadhom jagħtu sehemhom fil-knisja. Martu kienet iġorr lil uliedha biex idoqqu l-qniepen, jnaddfu u jarmaw il-knisja. B'danakollu jekk issaqsi lil Feliċ illum li għadu jaqdi bħala sagristan jgħidlek li l-knisja hija ħajtu u dan ix-xogħol volontarju joffrih għal Alla u l-kbir San Pawl.

*Ms Stephanie Mercieca* *12 ta' Dicembru 2007.*
*Munxar*